

Brussell, 6 ta' Settembru 2018
(OR. en)

10780/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0240 (NLE)

PECHE 262

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku
Ċentrali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni hija kompetenti b'mod esklużiv, taħt il-Politika Komuni tas-Sajd, li tadotta miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u biex tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali f'dan ir-rigward.
- (2) Skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 98/392/KE¹ u 98/414/EC², l-Unjoni hija parti kontraenti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ("il-Konvenzjoni") u tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, relattivament għall-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna ("il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut"). Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll il-Ftehim dwar l-Istokkijiet tal-Ħut jirrikjedu li l-Istati jikkooperaw fil-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi haġġin tal-baħar. Il-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim") jwettaq dan l-obbligu.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

- (3) Ir-Regolament (UE) Nru1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jipprevedi li l-Unjoni għandha tmexxi r-relazzjonijiet esterni tagħha dwar is-sajd f'konformità mal-obbligi internazzjonali u mal-objettivi ta' politika tagħha, kif ukoll f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dak ir-Regolament, sabiex jiġu żgurati l-isfruttar sostenibbli, il-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ambjent tal-baħar. Il-Ftehim huwa konsistenti ma' dawk l-objettivi.
- (4) Fil-31 ta' Marzu 2016, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali għall-prevenzjoni tas-sajd mhux regolat fl-ibħra miftuħa fl-Oċean Artiku ċentrali. Dawk in-negozjati ġew konklużi pożittivament fit-30 ta' Novembru 2017.
- (5) L-adeżjoni mal-Ftehim tkun tippromwovi konsistenza fl-approċċ tal-Unjoni rigward il-konservazzjoni fl-oċeani kollha u ssaħħaħ l-impenn tagħha għall-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar globalment.
- (6) Għalhekk jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni soġġett għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim^{1*}.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ser ikun ippubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
^{*} Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 10788/18.